**A.L. 344 ta' l-2005**

## ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP.435)

## Regolamenti ta' l-2005 dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6, 7, 9 u 10 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent flimkien mal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti ta' l-2005 dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"l-Att " tfisser l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent; Kap. 363.

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; Kap. 291.

"bejjiegħ tat-triq", fiss jew mobbli, tinkludi kull persuna jew sostitut tagħha, liċenzjata biex tbiegħ minn mejda f'ħanut għall-wirja tal-bejgħa, u kull persuna jew sostitut tagħha liċenzjata li taħdem minn suq pubbliku jew monti stabbilit jew awtorizzat mill-Gvern;

"Gvern" tfisser kemm il-Gvern ta' Malta kemm il-Kunsilli Lokali stabbiliti taħt l-Att dwar il-Kunsilli Lokali;

"ħaġa li ddejjaq" tfisser kull att, omissjoni jew ħaġa li tweġġa' b'mod viżiv jew tikkawża rwejjaħ jew ħsejjes, jew li tkun il-ħtija jew aktarx tkun il-ħtija ta' inġurja, ħaġa li xxabba', offiża, ħsara, periklu, jew dannu hi x'inhi n-natura tagħha, jew li tkun jew x'aktarx li tkun ta' ħsara jew periklu għas-saħħa jew għall-proprjetà;

"ħin raġonevolment viċin" msemmija fir-regolament 5 għandha tkun il-ħin stabbilit mill-Kunsill Lokali ta' lokalità u titqies li tkun il-perijodu bejn it-tneħħija ta' l-iskart u l-ġbir tiegħu liema perijodu ma jistax jaqbeż is-siegħa, sakemm ma jkunx meqjus u stabbilit xort'oħra perijodu itwal mill-Kunsill Lokali minħabba f'ċirkostanzi eċċezzjonali;

"ikel" tinkludi xorb, *chewing gum* u prodotti oħra ta' natura u użu simili, u artikli u sostanzi wżati bħala ingredjenti fit-tħejjija ta' ikel jew xorb jew ta' dawk il-prodotti;

"Kumitat li jagħti l-pariri għall-kontroll u l-monitoraġġ taż-żibel" jew "Kumitat li jagħti l-pariri" tfisser kumitat maħtur mill-Ministru skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għall-fini tal-kontroll u monitoraġġ tat-tneħħija ta' l-iskart u ż-żibel fit-triqat u postijiet pubbliċi;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju għall-Ġustizzja skond l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja;

"Kunsill Lokali" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali;

"laned taż-żibel" tfisser reċipjenti approvati mill-Gvern għat-tneħħija, s-separazzjoni u l-ġbir ta' żibel u skart imqegħda f'post pubbliku jew awtorizzati li jitqegħdu f'post pubbliku mill-Gvern;

"lokalità" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali, u tinkludi, għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, toroq arterji u distributorji u ż-żoni kollha l-oħra esklużi mill-kompetenza tal-kunsilli lokali skond l-istess Att;

"mejda f'ħanut għall-wirja tal-bejgħa" tfisser kull kjosk, mejda, ħanut tax-xogħol, posta f'suq, tinda kbira tal-kamp fejn jistgħu jsiru wirjiet, bord ta' wiri, vettura, karettun jew riċettaklu jew kull mezz ieħor użat jew maħsub li jintuża għall-fini tal-bejgħ ta' ikel jew ħwejjeġ ta' kull tip u tinkludi kull struttura mwaħħla magħha kemm jekk bejt, appoġġ jew paviment;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

"post pubbliku" tinkludi kull post, b'sidien privati jew xort'oħra, li għalih il-pubbliku għandu aċċess, u tinkludi triq, baħar, *playing field* u *ground*, għalqa, wied, bajja, funtana, mogħdija ta' l-ilma, ġibjun, bir u *swimming pool*;

"proprjetà privata" tinkludi ġnien, bitħa, għalqa, art, vettura kemm jekk liċenzjata kemm jekk le, mejda f'ħanut għall-wirja tal-bejgħa, jew struttura oħra, temporanja jew permanenti;

"Qorti" tfisser Tribunal Lokali stabbilit skond l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja;

"triq" tinkludi kull ħâra, sqaq, pjazza, pont, triq ma' xatt il-baħar, moll, jew post ieħor ta' passaġġ jew aċċess pubbliku;

"uffiċjal" tfisser kull persuna awtorizzata mill-Ministru biex toħroġ il-hlasijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dawn ir-regolamenti skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali u għandha tinkludi:-

uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva, Gwardjan Lokali jew kull awtorità oħra awtorizzata li toħroġ ħlasijiet skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja; u

spetturi ambjentali, jew kull persuna oħra maħtura mill-Ministru biex twettaq id-dmirijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti kif stabbiliti skond l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent;

"viċinanza immedjata" għandha tkun dik iż-żona identifikabbli minnufih ma' kull sit imsemmi fir-subregolament (2) tar-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti, u meta, permezz ta' tneħħija, żibel jew skart titbaxxa l-importanza soċjali, storiku jew ambjentali tas-sit jew żona imsemmija f'dak is-subregolament;

"żibel" tinkludi:-

kull skart solidu jew likwidu, domestiku jew kummerċjali, ħwejjeġ mormija, rdum jew laqx u mingħajr ma tillimita l-ġeneralità tal-fuq imsemmija tinkludi kull ħġieġ, metall, plastiku, karta, drapp, injam, ikel, *chewing gum*, ċikka ta' sigarett, vettura mitluqa, reċipjent, tagħmir, jew makkinarju, shih jew f'biċċiet, fdalijiet u qtugħ tal-ġnien, ħamrija, ramel, blat tal-konkos jew kull materjal tal-bini ieħor; u

kull oġġett, materjal jew sustanza oħra ddepożitata f'post pubbliku li tikkawża jew iżżid id-dehra mħawwda ta' dak il-post jew li tikkawża effett b'mod li ġġib dannu għall-użu xieraq tal-post, jew li tista', b'mod ġenerali, iżżid ir-riskju ta'

periklu għas-saħħa jew għall-ambjent għall-pubbliku jew għall-ambjent ta' madwar, jew li tista' tkun ħaġa li ddejjaq lill-pubbliku.

Setgħa tal-Ministru li jaħtar Kumitat li jagħti l-pariri għall-kontroll u l-monitoraġġ taż-żibel.

**3.** (1) Il-Ministru jista' jaħtar Kumitat li jagħti l-pariri għall-kontroll u l-monitoraġġ taż-żibel u li għandu jinkludi persuna nominata mill-Ministru, persuna nominata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, persuna nominata mill-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, persuna nominata mill-Awtorità, persuna nominata mill-Ministru responsabbli għall-Infrastruttura pubblika, persuna nominata mill-Kummissarju tal-Pulizija, u kull persuna oħra li l-Ministru jista' jaħtar minn żmien għal żmien taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif huwa jista' jistabbilixxi.

(2) Għandu jkun id-dmir tal-Kumitat li jagħti l-pariri lill-Ministru dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' indafa pubblika, b'mod ġenerali, u dwar kull ħaġa oħra li tista' taqa' taħt l-iskop ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Il-Kumitat li jagħti l-pariri għandu jikkoordina ma' l-awtoritajiet kompetenti kollha u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi oħra li jaħdmu fl-indafa pubblika u jista' jirrakkomanda lil dawk l-awtoritajiet prattiċi tajbin fil-kamp ta' l-indafa pubblika u biex jikkontrollaw it-tneħħija ta' skart u żibel fit-triqat u postijiet pubbliċi.

Thollija ta' żibel u oġġetti oħra.

**4.** Ħadd ma jista' jarmi, jitfa', iħalli, jew xort'oħra iqattar jew jiddepożita xi żibel f'xi post pubbliku, triq, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, sakemm dak id-depożitu u t-tħollija ma jkunux awtorizzati b'liġi:

Iżda għall-fini ta' dan ir-regolament, l-Iskeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jelenka, iżda mhux b'mod tassattiv, l-atti u n-nuqqasijiet li għandhom jitqiesu li jkunu offiża ta' tħollija ta' żibel jew depożitu jew tixrid ta' oġġetti skond dan ir-regolament.

Depożitu illegali ta' żibel għall-ġbir.

**5.** (1) Ħadd ma jista' jiddepożita jew iħalli f'xi triq jew post pubbliku xi reċipjent taż-żibel, borża, kaxxa wżata, flixkun, landa, kaxxa tal-kartun jew reċipjent ieħor, jew xi karta, tiben jew materjal ieħor użat għall-ippakkjar, sabiex jiġu miġbura jekk dak id-depożitu ma jsirx f'ħin raġonevolment viċin għall-ħin li fih ordinarjament isir il-ġbir taż-żibel f'dak il-post.

(2) Ħadd ma jista' jiddepożita jew iħalli f'xi triq jew post pubbliku xi reċipjent taż-żibel, borża, kaxxa wżata, flixkun, landa, kaxxa tal-kartun jew reċipjent ieħor, jew xi karta, tiben jew materjal ieħor użat għall-ippakkjar, sabiex jiġu miġbura, qrib laned taż-żibel, *skips*,

jew reċipjenti oħra li qegħdin f'post pubbliku, għall-użu pubbliku jew privat, u provduti minn jew approvati mill-Gvern.

Għażla ta' ħwejjeġ mormija, żibel jew skart.

**6.** (1) Ħadd ma jista' jagħżel jew jiġbor xi żibel depożitat għall-ġbir f'xi post jew waqt li jkun qed jiġi trasportat wara l-ġbir, sakemm dik l-għażla ma tkunx awtorizzata skond il-liġi.

(2) Ħadd ma jista' jiġbor xi ħwejjeġ mormija, skart jew żibel imneħħi sakemm ma jkunx awtorizzat xort'oħra biex jagħmel hekk minn Kunsill Lokali fiż-żona tar-responsabbiltà tiegħu u mill-Awtorità:

Iżda l-għażla ta' ħwejjeġ mormija jew il-ġbir ta' żibel jew skart minn uffiċjal li għandu d-dmir li jiġbor xiehda skond l-artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, u biss għall-fini ta' l-investigazzjoni biex jakkuża persuni li wettqu reat skond dawn ir-regolamenti, m'għandux jitqies bħala reat skond id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

Tneħħija illegali ta' laned taż-żibel.

**7.** Ħadd ma jista' jneħħi illegalment jew xort'oħra jmiss jew ibagħbas ma' jew b'xi mod ieħor jivvandalizza xi landa taż-żibel provduta jew awtorizzata mill-Gvern f'xi triq jew post pubbliku ieħor jew xi landa taż-żibel depożitata għall-ġbir f'xi post.

Imwejjed fi ħwienet għall-wirja tal-bejgħa f'post pubbliku għandhom jinżammu ndaf.

**8.** (1) Kull bejjiegħ tat-triq li jaħdem minn mejda f'ħanut għall-wirja tal-bejgħa f'post pubbliku, għandu jżomm il-post u l-viċinanza immedjata tiegħu f'kondizzjoni nadifa u sanitarja, matul u wara l-ħinijiet ta' xogħol u, għal dan il-fini, għandu jkollu landa taż-żibel approvata mill-Gvern matul il-ħinijiet ta' xogħol.

(2) Bla ħsara għal dawn ir-regolamenti, meta fl-opinjoni tal-Gvern, bejjiegħ tat-triq jew is-sostitut tiegħu naqas milli jħares is-subregolament (1) ta' din ir-regolament, il-Gvern jista', b'avviż bil-miktub, jeħtieġ li min għandu l-liċenzja, f'dak il-perijodu kif jista' jkun imsemmi hemmhekk, jieħu dawk il-passi li jqies li huma xierqa għall-fini ta' l-osservanza ta' dawn is-subregolamenti.

Is-sid jew l-okkupant ta' bini kummerċjali għandu jipprovdi laned taż-żibel f'post pubbliku.

**9.** Il-Gvern jista' jeħtieġ, bil-miktub, li s-sid jew l-okkupant ta' bini kummerċjali jipprovdi, bi spejjes tas-sid jew ta' l-okkupant u f'dak il-perijodu kif jista' jissemma fl-avviż, għal-laned taż-żibel jew reċipjenti konvenjenti oħra, li għandhom iħarsu dawk l-ispeċifikazzjonijiet kif il-Gvern jista' jeħtieġ, li jitqegħdu f'postijiet xierqa fil-bini tas-sid jew l-okkupant, jew fit-triq jew f'post pubbliku fil-viċinanza tal-bini, għad-depożitu ta' ħwejjeġ mormija u żibel:

Iżda l-Ministru għandu, minn żmien għal żmien, u wara konsultazzjoni mar-rappreżentanti tas-settur kummerċjali, joħroġ elenku

ta' kategoriji magħżula ta' stabbilimenti kummerċjali li jistgħu jinħtieġu biex jitqegħdu dawk il-laned taż-żibel jew reċipjenti fi triq jew f'post pubbliku.

Pieni.

**10.** (1) Kull persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet li jinsabu fir-regolamenti 4, 5, 6, 7 u 8 għandha, meta tinsab ħatja, jew fuq l-ammissjoni tagħha, tkun ħatja ta' reat u teħel ammenda ta' mhux anqas minn ħamsa u għoxrin lira u mhux aktar minn ħamsin lira.

(2) Kull persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet li jinsabu fir-regolament 9 għandha, meta tinsab ħatja, jew fuq l-ammissjoni tagħha, tkun ħatja ta' reat u teħel ammenda ta' mhux anqas minn ħames mitt lira u mhux aktar minn elf lira.

Rimi ta' skart.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' l-Att prinċipali, u regolamenti oħra li l-Ministru jista' joħroġ minn żmien għal żmien, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra, jekk f'reat li għalih japplika s-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, min jagħmel ir-reat jarmi jew ineħħi xi ħwejjeġ mormija, żibel, skart, *swill* jew kull oġġett ieħor ta' daqs jew kwantità jew kumulu, li meta tqiesu waħdu jikkawża ħaġa li ddejjaq, jew li jista' jwassal għad-deterjorament jew tħassir ta' post pubbliku, dan jeħel, meta jinsab ħati, jew fuq ammissjoni, multa ta' mhux anqas minn elf lira iżda mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt lira:

Iżda għall-fini ta' dan is-subregolament, l-Iskeda 2 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jelenka, iżda b'mod mhux tassattiv, l-oġġetti u l-materjali li għandhom jitqiesu bħala ħwejjeġ mormija, żibel, skart, *swill* jew xi oġġetti oħra li ntremew jew ġew depożitati.

Qbid ta' vettura, karettun jew tagħmir ieħor f'każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' rimi.

(4) Jekk xi vettura, karettun jew tagħmir ieħor ġie użat fl-għemil ta' reat kontra d-disposizzjonijiet tas-subregolament (3) tar-regolament 10, il-qorti għandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni u b'żieda għall-piena preskritta fis-subregolament (3) ta' dan ir-regolament, tordna l-qbid ta' dik il-vettura, karettun jew tagħmir ieħor użat għall-fini ta' dan ir-regolament, għal żmien ta' mhux anqas minn xahrejn iżda ta' mhux iżjed minn sena u s-sospensjoni għal żmien daqs dak ta' kull liċenza tas-sewqan li tkun f'isem min jagħmel ir-reat, matul liema żmien ir-riskju tal-vettura jibqa' għas-sid:

Iżda meta xi persuna li ma tkunx ħadet sehem fir-reat, ikollha jedd għal dik il-vettura jew tagħmir, il-qbid ikun ordnat biss jekk il-qorti tkun sodisfatta li ebda jedd bħal dak ma jkun qed jiġi preġudikat f'dak l-ordni.

(5) Jekk min jagħmel ir-reat ma jkunx is-sid tal-vettura msemmija fis-subregolament (4) ta' dan ir-regolament iżda jkun aġixxa taħt l-istruzzjonijiet ta' dak is-sid jew meta s-sid għad li kien jista' jimpedih, ħalla li r-reat isir, is-sid jeħel meta jinsab ħati, il-piena stabbilita fis-subregolamenti (1), (2), (3) u (4) ta' dan ir-regolament.

(6) Jekk ikun jidher miċ-ċirkostanzi li fihom jinstab xi materjal mormi kontra l-liġi, min kien is-sid jew il-persuna l-oħra responsabbli għal dak il-materjal minnufih qabel ir-rimi tiegħu, dak is-sid jew dik il-persuna għandha titqies li tkun iddepożitat dak il-materjal u tista' teħel il-piena stabbilita fis-subregolamenti (1), (2), (3) u (4) ta' dan ir-regolament, kemm-il darba ma tippruvax li dak ir-reat ma kenitx taf bih, jew għalkemm kienet taf bih ma setgħatx timpedih milli jsir.

Danni moghtija lis-sid ta' landa taż-żibel li saritilha ħsara mill-ħati.

**11.** (1) Meta persuna tkun ġiet misjuba ħatja ta' reat skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 7, il-qorti tista', bl-istess sentenza, u wara prova tal-ħsara batuta skond ir-regolament 7, tordna lill-ħati li jħallas lill-Gvern jew is-sid tal-landa taż-żibel in kwistjoni, skond il-każ, bħala danni, somma ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira għal kull landa taż-żibel u kull ordni tali għandha tkun ta' l-istess forza u effett u għandha tiġi esegwita bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili magħmula kif imiss bejn is-sid u l-ħati.

(2) Meta persuna tkun ġiet misjuba ħatja ta' reat skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 9, il-qorti tista', bl-istess sentenza, u wara prova tan-nuqqas ta' osservanza minn sid jew okkupant ta' bini kummerċjali skond ir-regolament 9, tordna lill-ħati li jħallas lill-Gvern bħala danni, somma ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira għal kull landa taż-żibel u kull ordni tali għandha tkun ta' l-istess forza u effett u għandha tiġi esegwita bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili magħmula kif imiss bejn is-sid u l-ħati.

Ċirkostanzi aggravanti.

**12.** (1) Meta reat imsemmi fir-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8 u 10(3) jitwettaq f'sit wieħed jew aktar elenkati fis-subregolament li jmiss, min jagħmel ir-reat għandu, meta jinsab ħati, jew fuq ammissjoni, jeħel ammenda addizzjonali ta' mhux anqas minn ħamsa u għoxrin lira u mhux aktar minn ħamsin lira mal-ammenda stabbilita minħabba l-importanza storika u ambjentali tas-sit.

(2) Iċ-ċirkostanzi aggravanti msemmija fis-subregolament ta' qabel għandhom x'jaqsmu mat-tneħħija, it-tixrid jew ir-rimi ta' żibel, ħwejjeġ mormija, skart jew *swill*:-

(a) fil-viċinanza immedjata ta' monument pubbliku, mużew, post ta' qima jew skola;

(b) fil-viċinanza immedjata ta', jew ġewwa Sit ta' Patrimonju Dinji ddikjarat mill-UNESCO jew ċentru Storiku ddikjarat mill-Awtorità;

(ċ) fil-viċinanza immedjata ta', jew ġewwa, Riserva Naturali, Park ta' Patrimonju, Park Nazzjonali, ġnien pubbliku, jew *playing field*;

(d) fil-viċinanza immedjata ta', jew fuq xatt pubbliku;

(e) f'kull sit, żona, post jew spazju pubbliku ieħor li l-Ministru jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien.

It-tieni reat u reati sussegwenti.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi ta' qabel ta' dan ir-regolament, persuna li tinsab ħatja skond ir-regolamenti 4, 5, 6, 7 u 8 ta' dawn ir-regolamenti, għandha, meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mitt lira, jekk jiġi ppruvat li fi tnax-il xahar qabel il-ħrug ta' l-kontravenzjoni dik il-persuna li tkun ikkommettiet reat skond wieħed mir regolamenti imsemmija f'dan is-sub-paragrafu li gie *res judicata*.

(4) Barra minn dan, u bla ħsara għall-paragrafi ta' qabel ta' dan ir-regolament, persuna li tinsab ħatja skond is-subregolament (3) tar-regolament 10 għandha, meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux anqas minn elfejn lira, iżda mhux aktar minn ħamest elef lira, jekk jiġi ppruvat li dik il-persuna li għamlet ir-reat instabet ħatja li wettqet reat skond is-subregolament (3) tar-regolament 10 fis-sentejn ta' qabel il-ħruġ tal-kontravenzjoni.

Min ma jħallix jew ifixkel uffiċjal awtorizzat.

(5) Mingħajr preġudizzju għall-Att prinċipali, jew għal kull liġi oħra, kull persuna li b'xi mezz ieħor li jkun, ma jħallix jew ifixkel xi uffiċjal mill-qadi tas-setgħat u l-funzjonijiet tiegħu skond dawn ir-regolamenti għandu jeħel, jekk jinstab ħati, multa ta' ħamsin lira.

Ħruġ ta' akkużi lil min jagħmel ir-reat u l-proċedimenti skond l-artikolu 5 tal-Kap. 291.

**13.** Skond id-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra, u skond is-setgħat mogħtija mill-Ministru skond l-Att prinċipali, kull uffiċjal awtorizzat li jaġixxi skond dawn id-disposizzjonijiet u li fl-opinjoni tiegħu jkun twettaq reat skond dawn ir-regolamenti, jista' jipproċedi kontra min għamel ir-reat skond l-artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja liema disposizzjonijiet għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull proċediment fir-rigward ta' reati li bihom ikun ġie akkużat skond dawn ir-regolamenti.

It-tneħħija ta' żibel ordnata mill-Qorti.

**14.** (1) Meta r-reat ikollu x'jaqsam ma' rimi, il-Qorti għandha wkoll b'żieda ma' kull piena li tista' tiġi mposta skond l-Att, tordna wkoll lil min jagħmel ir-reat li jneħħi mill-post fejn ikun sar ir-reat il-materjal kollu li dwaru jkun instab ħati fi żmien biżżejjed għal hekk, li jiġi stabbilit mill-Qorti, u li fin-nuqqas tat-tħaris ta' dik l-ordni dak il-materjal jitneħħa mill-Kunsill Lokali tal-lokalità fejn ikun twettaq ir-reat għas-spejjeż ta' min jagħmel ir-reat, f'liema każ dak il-ħati jista' jiġi mġiegħel iħallas lura l-ispejjeż bħala dejn ċivili.

(2) Barra minn dan, u b'żieda għal xi piena, kieku l-Kunsill Lokali ta' lokalità jew xi awtorità oħra kellha tneħħi l-materjal mormi qabel il-proċedimenti fil-qorti, l-imsemmija Qorti għandha, fuq il-provi tal-ħsara batuta, tordna lil min għamel ir-reat li jħallas, bħala l-ħsara, lill-Kunsill Lokali jew awtorità oħra kull somma li ntefqet fit-tneħħija tal-materjal, u kull ordni bħal dik għandha jkollha l-istess forza u effett u għandha tiġi esegwita bl-istess manjiera daqs li kieku ngħatat f'azzjoni ċivili li tkun saret kif imiss bejn il-Kunsill Lokali jew xi awtorità oħra u min għamel ir-reat.

Il-kontribuzzjoni tal-Kunsilli Lokali lill-Fond dwar l-Ambjent u t-tqassim tal-pieni.

**15.** (1) Skond l-artikolu 19(4)(d) ta' l-Att u s-subartikoli (3) u (5) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, il-Kunsilli Lokali għandhom iqegħdu fil-fond dwar l-Ambjent tletin fil-mija tal-pieni kollha li rċevew mill-kontravenzjonijiet taħt ir-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8 u 9 ta' dawn ir-regolamenti u ħamsin fil-mija tal-pieni kollha li rċevew mill-kontravenzjonijiet taħt is-subregolament (3) tar-regolament 10 u s-subregolamenti (3) u (4) tar-regolament 12 u għandhom hekk jitqegħdu fi żmien xahar minn meta rċevew il-ħlas tal-pieni u l-penali li ġejjin minn dawk il-kontravenzjonijiet.

(2) Il-pieni mogħtija skond dawn ir-regolamenti għall-proċedimenti li nbdew mill-Awtorità, għandhom ikunu dovuti lill-Awtorità bi tqassim ta' għoxrin fil-mija għal kull piena mħallsa lill-Kunsill Lokali tal-lokalità ta' fejn ikun twettaq ir-reat.

Perjodu transitorju.

**16.** Persuna li tkun instabet ħatja ta' xi kontravenzjoni taħt dawn ir-regolamenti sal-31 ta' Diċembru 2005 teħel għall-ewwel kontravenzjoni biss ċanfira jew twiddiba.

## Skeda 1

Regolament 4

Skond ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti, l-atti jew n-nuqqasijiet elenkati hawn taħt għandhom jitqiesu li jkunu reat skond l-imsemmi regolament:

a) iddepożita, waqqa', qiegħed jew xeħet xi trab, ħmieġ, karta, rmied, ċikka ta' sigarett, żibel, kaxxa, bittija, jew kull artiklu jew ħaġa oħra f'xi post pubbliku;

b) żamm jew ħalla xi artiklu jew ħaġa f'xi post fejn hi jew frak tagħha għaddew jew aktarx li jgħaddu f'xi post pubbliku;

ċ) xeħet jew ħalli warajh xi flixkun, landa, kontenitur ta' l-ikel, karta għall-ippakkjar ta' l-ikel, ħġieġ, frak ta' l-ikel jew kull artiklu jew ħaġa oħra f'xi post pubbliku;

d) ħabbat, naddaf, farfar, għarbel, jew xort'oħra ċaqlaq xi rmied, xagħar, rix, ġir, ramel, karta skartata jew sustanza oħra b'tali manjiera li tinġarr jew aktarx li tinġarr mir-riħ f'xi post pubbliku;

e) beżaq xi sustanza jew neħħa maħta mill-imnieħer, jew ħalla jew iddepożita exkreta materjali tal-bniedem, inkluż vomtu, jew ħalla jew iddepożita xi exkreta materjali ta' l-annimali fuq jew għal fuq xi triq jew xi post pubbliku;

f) qiegħed, xerred, qattar jew xeħet xi demm, ilma mielaħ, likwidu li jagħmel il-ħsara, *swill* jew kull materja ta' kull tip li twaġġa' jew li tħammeġ, inkluż żejt, karburant u kull fluwidu ieħor, b'tali manjiera biex tiġri jew taqa' f'xi post pubbliku.

## Skeda 2

Regolament 10(3)

Skond is-subregolament (3) tar-regolament 10, l-oġġetti u l-materjali elenkati hawn taħt għandhom jitqiesu li jkunu ħwejjeġ mormija, żibel, skart, *swill* jew xi oġġetti oħra li ntremew jew ġew depożitati:-

a) Biċċiet kbar ta' l-elettriku għad-djar u apparat elettriku, inkluż friġġ, friżer, *cooker*, forn, *dishwasher*, *geyser*, *hob*, *air-conditioner*, televiżjoni, kompjuter, sħaħ jew f'biċċiet;

b) Materjal tal-bini, ħi x'inhi l-kwantità tiegħu, inkluż xkora, borża, kaxxa jew reċipjent bil-madum, katusi mhux użati, ċangaturi u kull materjal ieħor;

ċ) Sett ta' kamra tal-banju sħiħ jew f'biċċiet;

d) Sett ta' kamra tas-sodda jew għamara domestika oħra sħiħ jew f'biċċiet;

e) Tagħmir kummerċjali, merkanzija qadima ta' għamara u makkinarju ta' l-uffiċċju, sħiħ jew f'biċċiet;

f) Drappijiet, ċraret u materjal ieħor li għandu x'jaqsam ma' l-ilbies;

g) L-iskart u s-*swill* kollu ta' l-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel ħi x'inhi l-kwantità, li tneħħiet minn stabbilimenti li jipprovdu l-ikel detenturi ta' liċenza;

h) Vettura jew reċipjent mhux liċenzjat u mhux użat sħiħ jew f'biċċiet;

i) Skart mhux domestiku;

j) Annimal mejjet;

k) Żibel mhux miġbur li jibqa' wara li jgħaddu erba' u għoxrin siegħa mit-tmiem ta' ġrajja organizzata minn persuna, korp ta' persuni, f'post pubbliku, inkluż ġmigħ, protesta, kunċert, festa pubblika, laqgħa pubblika jew attività simili, sakemm l-organizzatur ma jurix li kienu saru arranġamenti biżżejjed għat-tindif wara l-ġrajja;

l) Skart ta' l-agrikultura u tal-ġnien, inkluż il-fdalijiet taż-żabra.